

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Spejjeż](#) > [Germany](#)

Spejjeż

Il-kontenut ipprovdut minn
Ġermanja

Ġermanja



Din il-paġna tipprovdi informazzjoni dwar l-ispejjeż legali fil-Ġermanja.

[Il-liġi tal-familja — id-divorzju](#)

[Il-liġi tal-familja — il-kustodja tat-tfal](#)

[Il-liġi tal-familja — il-manteniment](#)

[Id-dritt kummerċjali — il-kuntratti](#)

[Id-dritt kummerċjali — ir-responsabbiltà](#)

Qafas regolatorju li jirregola l-onorarji tal-professjonijiet legali fil-Ġermanja

L-avukati

Fil-Ġermanja, l-onorarji tal-avukati jiġu imposti skont l-Att dwar ir-Remunerazzjoni tal-Avukati (*Rechtsanwaltsvergütungsgesetz*) (RVG) jew inkella abbażi ta' ftehimiet bejn l-avukat u l-klijent tiegħu. Il-ftehimiet dwar l-onorarji huma dejjem alternattiva għall-imposti statutorji. Dawn jeħtiġilhom ikunu konformi mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu § 49b tal-Kodiċi Federali tal-Avukati (*Bundesrechtsanwaltsordnung*) (BRAO) u fl-§§Artikoli 3a sa 4b tal-RVG. Jekk l-avukat jirrappreżenta lill-klijent fil-qorti, l-onorarji miftiehma ma jistgħux ikunu inqas mill-ammont stipulat mil-liġi.

L-iskeda ta' remunerazzjoni mehmuża mal-RVG (l-Anness 1 tal-RVG) tistabbilixxi onorarji tal-valur, onorarji fissi jew inkella firxiet ta' onorarji għal diversi servizzi legali. L-ammont tal-onorarja normalment jiġi ddeterminat b'referenza għall-valur tat-talba, u l-ammonti tal-onorarji għad-diversi valuri tat-talbiet huma elenkati fl-Anness 2 tal-RVG. Kwalunkwe firxa ta' onorarji indikata għal valur tat-talba tistipula r-rati massimi u minimi li jistgħu jiġu fatturati għas-servizz inkwistjoni. L-onorarji xierqa f'din il-firxa jridu jiġu ddeterminati skont l-ambitu u d-diffikultà tax-xogħol involut, l-importanza tal-kawża, iċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-klijent u r-riskji partikolari ta' responsabbiltà mġarrba mill-avukat. Firxiet ta' onorarji japplikaw f'għadd ta' oqsma speċjali, b'mod partikolari kawżi kriminali u materji tad-dritt soċjali.

Uffiċjali ġudizzjarji

L-uffiċjali ġudizzjarji (*Gerichtsvollzieher*) jimponu biss it-tariffi stipulati fl-Att dwar it-Tariffi tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (*Gerichtsvollzieherkostengesetz*) (GvKostG). Hija stabbilita tariffa fissa għal kull attività individwali mwettqa mill-uffiċjal ġudizzjarju.

Spejjeż fissi

Spejjeż fissi fil-proċedimenti ċivili

Spejjeż fissi għall-partijiet fil-kawża fil-proċedimenti ċivili

Fi proċedimenti ċivili, it-tariffi tal-qorti normalment jiġihallsu fuq il-bażi tal-ammont tat-talba. Dawn it-tariffi huma

stabbiliti f'kawżi ċivili, skont l-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti (*Gerichtskostengesetz*) (GKG) u l-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti (Materji Familjali) (*Gesetz über Gerichtskosten in Familiensachen*) (FamGKG). Ir-rati tat-tariffi huma stabbiliti fl-iskeda tal-ispejjeż (l-Anness 1 tal-Att rilevanti), bl-Anness 2 jelenka t-tabella tat-tariffi skont il-valur tat-talba.

- Għal proċedimenti ċivili ġenerali u dawk li jikkonċernaw il-kunflitt familjari, b'mod partikolari għall-kwistjonijiet relatati mal-manteniment, ir-rata tat-tariffi hija ta' 3.0. Għall-kwistjonijiet matrimonjali hija ta' 2.0 u għall-kwistjonijiet relatati mat-tfal, inklużi l-kustodja u l-aċċess tal-ġenituri, ir-rata tat-tariffi hija ta' 0.5. Il-valur tal-proċedimenti jiġi ddeterminat kif ġej: Għall-kwistjonijiet matrimonjali, il-valur tal-proċedimenti huwa ddeterminat fid-diskrezzjoni tal-qorti, b'kont meħud tal-kamp ta' applikazzjoni, l-importanza tal-kwistjoni u d-dħul taż-żewġ konjuġi. Normalment, il-valur tal-proċedimenti jikkorrispondi għad-dħul nett iġġenerat fi tliet xhur. Għall-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kunflitt familjari, il-valur normalment jiddependi fuq il-valur tat-talba. Għall-kwistjonijiet ta' manteniment, il-valur huwa limitat għall-ammont ta' manteniment mitlub, l-aktar l-aktar l-ammont għal sena. Kwalunkwe ammont pendenti sad-data tal-applikazzjoni jiġi kkunsidrat ukoll.
- Għall-kwistjonijiet relatati mat-tfal, inklużi l-kustodja u l-aċċess tal-ġenituri, il-valur tal-proċedimenti hija ta' EUR 5 000.

Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim, it-tariffi għar-rappreżentanza tal-qorti minn avukat isiru skont il-valur tat-talba. Dan normalment jikkorrispondi għall-valur tal-proċedimenti li jiġi stabbilit sabiex jiġu ddeterminati t-tariffi tal-qorti. L-Att dwar ir-Remunerazzjoni tal-Avukati [*Rechtsanwaltsvergütungsgesetz*] (RVG) jistabbilixxi preċiżament liema tariffi jistgħu jiġu kkalkulati b'liema rati għal ċerti proċeduri. L-Anness 2 tal-RVG jistabbilixxi l-ammonti tat-tariffi skont il-valur tat-talba.

Għall-prim'istanza tal-materji ċivili, l-avukati normalment jirċievu tariffa tal-qorti ta' 1.3 darbiet ir-rata u tariffa tal-konsultazzjoni ta' 1.2 darbiet ir-rata. Għall-ftehim ta' riżoluzzjoni fil-prim'istanza, l-avukat jirċievi tariffa tar-riżoluzzjoni b'rata ta' 1.0.

L-istadju tal-proċedimenti ċivili li fih iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

F'materji ċivili ġenerali, kif ukoll f'materji ta' manteniment u materji maritali, it-tariffi tal-qorti għandhom jitħallsu direttament malli jittressaq ir-rikors jew tiġi ppreżentata t-talba. Għall-materji tal-familja, it-tariffi jitħallsu fi tmiem il-proċedimenti. L-onorarji tal-avukat normalment jitħallsu fi tmiem il-mandat, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor. Madankollu, l-avukat huwa intitolat li jitlob ħlas bil-quddiem skont id-dispożizzjonijiet legali.

Spejjeż fissi fil-proċedimenti kriminali

Spejjeż fissi fil-proċedimenti kriminali

L-ispejjeż fi proċedimenti kriminali jiġu fatturati biss wara s-sentenza finali. L-ispejjeż tal-qorti jiddependu fuq l-ammont tal-penali u jvarjaw bejn EUR 1 200 u EUR 169 fil-prim'istanza. L-avukati li magħhom ma sar l-ebda ftehim speċifiku huma intitolati li jitolbu tariffi, kemm bħala avukati tad-difiża kif ukoll bħala rappreżentanti ta' partijiet interessati oħra. Dawn it-tariffi huma stabbiliti f'qafas partikolari.

L-istadju tal-proċediment kriminali li fih iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

L-ispejjeż tal-qorti għandhom jitħallsu wara s-sentenza finali. L-onorarji tal-avukat normalment jitħallsu fi tmiem il-mandat, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor. Madankollu, l-avukat huwa intitolat li jitlob ħlas bil-quddiem skont id-dispożizzjonijiet legali.

Spejjeż fissi fil-proċedimenti kostituzzjonali

Spejjeż għall-partijiet fit-tilwima

It-tressiq ta' lment kostituzzjonali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali Federali [*Bundesverfassungsgericht*] ġeneralment ma jinvolvi ħlas, sakemm l-iment ma jiġix ippreżentat b'intenzjoni abbużiva (skont l-§ 34 tal-Att dwar il-Qorti Kostituzzjonali Federali [*Bundesverfassungsgerichtsgesetz*]). Ir-rappreżentanza, b'mod partikolari minn avukat, hija meħtieġa biss fil-każ ta' seduta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali Federali (skont l-§ 22 tal-Att dwar il-Qorti Kostituzzjonali Federali).

L-istadju tal-proċedimenti kostituzzjonali li fih iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

L-onorarji tal-avukati għall-proċedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali normalment iridu jitħallsu fi tmien il-mandat, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor. Madankollu, l-avukat huwa intitolat li jitlob ħlas bil-quddiem.

Informazzjoni li trid tingħata minn qabel mir-rappreżentanti legali

Drittijiet u obbligi tal-partijiet

L-avukati għandhom id-dmir li jagħtu lill-klijenti informazzjoni u pariri kompluta, u jridu jindikaw l-aktar mezz sikur u l-inqas perikoluż biex jintlaħaq l-għan mixtieq. Ir-riskji kollha assoċjati mal-kwistjoni għandhom jiġu żvelati lill-klijent, sabiex il-klijent ikun jista' jieħu deċiżjoni għalkollox informata. L-avukati jridu jwieġbu l-mistoqsijiet tal-klijenti b'mod sħiħ u veritier. Qabel ma jippreżentaw kawża, huma jridu jispjegaw lill-klijent il-prospetti u r-riskji tal-proċedimenti, inklużi l-ispejjeż.

L-avukati għandhom obbligi speċjali li jipprovdu informazzjoni f'ċerti każijiet:

- Jekk l-onorarji huma bbażati fuq il-valur tat-talba, l-avukati jridu jiġbdu l-attenzjoni tal-klijent għal dan il-fatt qabel ma jingħataw struzzjonijiet biex jaġixxu (l-§ 49b subparagrafu 5 tal-Kodiċi Federali tal-Avukati (BRAO)). Jekk jintlaħaq ftehim dwar ir-remunerazzjoni tal-avukati, dawn iridu jindikaw li, jekk l-ispejjeż jiġu rimborżati mill-parti opposta, l-onorarji statutorji biss jiġu rimborżati (l-§ 3a subparagrafu 1, it-tielet sentenza tal-Att dwar ir-Remunerazzjoni tal-Avukati (RVG)).
- Qabel ma jikkonkludu ftehim biex jirrappreżentaw lil klijent quddiem tribunal industrijali, l-avukati jridu jiġbdu l-attenzjoni tal-klijent għall-fatt li l-ispejjeż tagħhom mhumiex rimborżabbli (l-§ 12a subparagrafu 1, it-tieni sentenza tal-Att dwar it-Tribunali Industrijali (*Arbeitsgerichtsgesetz*)).

Kif jiġu stabbiliti l-ispejjeż – bażi legali

Fejn nista' nsib informazzjoni b'rabta mal-leġiżlazzjoni dwar l-ispejjeż fil-Ġermanja?

L-informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni dwar l-ispejjeż fil-Ġermanja tista' jew tinxtara mill-ħwienet tal-kotba jew titniżżel mingħajr ħlas online fl-aħħar verżjoni.

B'liema lingwi nista' nikseb informazzjoni rigward il-leġiżlazzjoni dwar l-ispejjeż fil-Ġermanja?

Il-biċċa l-kbira tal-informazzjoni disponibbli dwar il-leġiżlazzjoni dwar l-ispejjeż fil-Ġermanja hija bil-Ġermaniż.

Fejn nista' nsib informazzjoni addizzjonali dwar l-ispejjeż?

Informazzjoni online dwar l-ispejjeż

Il-verżjonijiet attwali tal-leġiżlazzjoni jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web <https://www.gesetze-im-internet.de/>. Biex tniżżel id-diversi liġijiet dwar l-ispejjeż, l-abbrevjazzjonijiet rilevanti (GKG, FamGKG, GNotKG, GvKostG u RVG) jistgħu jiddaħħlu fil-funzjoni tat-tfittxija.

Fejn tiġi ppubblikata informazzjoni dwar it-tul ta' żmien tat-tipi individwali ta' proċedimenti?

L-Uffiċċju Federali tal-Istatistika (Statistisches Bundesamt) jippubblika [rapporti statistiċi](#) annwali dwar l-amministrazzjoni tal-ġustizza. Pereżempju, ir-rapport dwar il-qradi ċivili jipprovdi *data* dwar it-tul tal-proċedimenti ċivili fil-Ġermanja kollha. Id-*data* hija analizzata skont il-*Land* individwali u d-distrett tal-Qorti Reġjonali Superjuri (*Oberlandesgericht*) Hemm ukoll informazzjoni separata għall-Qradi Lokali (*Amtsgerichte*) u l-Qradi Reġjonali (*Landgerichte*) kif ukoll għall-proċedimenti fil-prim'istanza u fit-tieni istanza. Ir-rapport jistabbilixxi *data* statistika speċifika dwar it-tul tal-proċedimenti f'oqsma magħżula tal-liġi, bħar-responsabbiltà medika, l-inċidenti tat-traffiku u l-kuntratti tal-ivvjaġġar.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar l-ispejjeż approssimattivi ta' tipi differenti ta' proċedimenti tal-qorti?

Hemm kotba dwar is-suġġett tal-ispejjeż medji fil-proċedimenti ċivili. Dawn il-kotba jistgħu jkopru diversi aspetti, inklużi l-bażijiet legali, l-istrateġiji għall-kontroll tal-ispejjeż, l-istudji tal-każijiet u eżempji prattiċi. Minbarra dan,

huma disponibbli diversi kalkulatori online, bħal [dak fuq il-portal tal-Ġustizzja elettronika tal-Land ta' Nordrhein-Westfalen](#), li jista' jintuża biex jiġu kkalkulati t-tariffi proċedurali minn qabel.

It-taxxa fuq il-valur miżjud

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud? X'inhuma r-rati?

Il-qrati u l-marixxalli tal-qrati mhumiex suġġetti għall-VAT. Madankollu, l-avukati jitolbu VAT ta' 19 %. Din is-somma tingħadd separatament bħala spejjeż u mhijiex inkluża fir-remunerazzjoni tagħhom.

L-għajjuna legali

Il-livell limitu applikabbli ta' dħul fil-qasam tal-ġustizzja ċivili

Kull persuna li ma tistax taffordja xi wħud mill-ispejjeż jew l-ispejjeż kollha tal-litigazzjoni tista' tapplika għall-għajjuna legali. Għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi personali u finanzjarji. It-tilwima legali ppjanata għandu jkollha ċans li tirnexxi u m'għandhiex tkun vessatorja. Madankollu, il-persuna li tkun qed tmexxi l-proċedimenti għandha tuża l-assi tagħha, sa fejn ikun raġonevoli. Abbażi tad-dħul tagħha, l-għajjuna legali tista' tingħata jew bl-obbligu li titħallas lura f'pagamenti parzjali jew mingħajru. Il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u l-Protezzjoni tal-Konsumatur ħareġ fuljett intitolat "Pariri Legali u Għajjuna Legali" (*Beratungshilfe und Prozesskostenhilfe*), li jwieġeb il-mistoqsijiet frekwenti permezz ta' eżempji.

Limitu tad-dħul applikabbli għall-akkużati fil-proċedimenti kriminali

Fi proċedimenti kriminali, hemm regoli differenti dwar id-dħul ta' persuni akkużati. B'kuntrast mal-għajjuna legali għar-rikorrenti, m'hemm l-ebda limitu ta' dħul fiss għall-akkużati. Minflok, jiġu kkunsidrati kriterji oħra biex jiġi ddeterminat jekk jirċevux appoġġ finanzjarju.

Limitu tad-dħul applikabbli għall-vittmi fil-proċedimenti kriminali

Għal persuni li kienu vittma ta' reat, l-għajjuna legali tiddependi fuq id-dħul tagħhom. Din tqis l-ispejjeż mistennija tal-każ u ċ-ċirkostanzi personali tar-rikorrent, bħall-obbligi ta' manteniment u l-ispejjeż tad-djar. Hemm limiti flessibbli ta' dħul u, f'xi każijiet, tista' tingħata għajjuna legali bl-obbligu li titħallas lura f'pagamenti parzjali.

Kundizzjonijiet oħrajn marbutin mal-għoti tal-għajjuna legali lill-vittmi ta' reati kriminali

Jeżisti reġim speċjali għall-vittmi ta' atti intenzjonali serji ta' vjolenza. Irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom, jistgħu japplikaw għal assistenza legali bla ħlas.

Kundizzjonijiet oħrajn marbutin mal-għoti tal-għajjuna legali lill-akkużati

Għall-akkużati, hemm ukoll ċerti kundizzjonijiet marbuta mal-għoti ta' għajjuna legali. Dawn ma jirrigwardawx id-dħul iżda pjuttost il-fatturi legali, bħas-serjetà tal-akkuża, il-piena mistennija, il-kumplessità tas-sitwazzjoni u l-kwistjoni ta' jekk l-akkużat jistax jiddefendi ruħu. Dejjem jinħatar avukat mill-qorti jekk l-akkużat ikun taħt arrest jew jekk ikun irid jidher il-qorti, sabiex tittieħed deċiżjoni dwar detenzjoni jew tqegħid.

Proċeduri tal-qorti mingħajr ħlas

Skont l-§ 183 tal-Att dwar il-Qrati Soċjali (*Sozialgerichtsgesetz*) (SGG), il-persuni intitolati għal benefiċċju mhumiex responsabbli għall-ispejjeż għall-proċedimenti quddiem il-qrati soċjali (*Sozialgerichte*). Dan jinkludi persuni assigurati, persuni fuq benefiċċji (inklużi dawk li jieħdu l-benefiċċju tas-superstiti), persuni b'diżabbiltà jew id-dipendenti tagħhom jekk ikunu involuti f'dik il-kapaċità bħala rikorrenti jew akkużati. Skont l-§ 184 SGG, il-persuni li ma jaqgħux taħt l-§ 183 għandhom iħallsu miżata għal kull tilwima. It-tariffi jammontaw għal EUR 150 quddiem il-Qrati Soċjali, EUR 225 quddiem il-Qrati Soċjali Reġjonali (*Landessozialgerichte*) u EUR 300 quddiem il-Qorti Federali Soċjali (*Bundessozialgericht*). L-§ 197a SGG jipprovdi li, f'ċerti każijiet, l-ispejjeż huma pagabbli skont l-Att dwar l-Ispejjeż tal-Qorti, jekk la r-rikorrent u lanqas l-akkużat f'kawża ma huma fost il-persuni msemmija fl-§ 183 SGG. L-arranġamenti li ġejjin japplikaw fil-proċedimenti kriminali: jekk l-akkużat ma jinstabx ħati, jew jekk il-ġuri ma jsirx, jew jekk il-proċedimenti kontra l-akkużat jiġu tterminati, l-ispejjeż neċessarjament

sostnuti mill-konvenut jitħallsu mill-fondi pubbliċi skont l-§ 467 StPO. Jekk il-persuna akkużata tinstab ħatja, hija għandha fil-prinċipju tbat i-ispejjeż tal-proċedimenti hi stess, inkluża r-remunerazzjoni tal-avukat maħtur mill-qorti skont l-§ 465 StPO.

Meta trid tħallas l-ispejjeż il-parti telliefa lill-parti rebbieħa?

Il-parti li titlef il-kawża għandha tħallas l-ispejjeż proċedurali tal-avversarju. Dan jinkludi l-ispejjeż tal-qorti, l-onorarji u l-ispejjeż statutorji tal-avukat tal-parti l-oħra, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u t-telf ta' qligħ ikkawżat mid-dehra fil-qorti. Dawn l-ispejjeż iridu jkunu kienu meħtieġa għad-difiża xierqa tad-drittijiet tal-parti jew għad-difiża kontra talba.

Remunerazzjoni tal-esperti

It-tariffa għall-esperti maħtura mill-qorti hija kkalkulata b'rati fissi fis-siegħa skont l-Att dwar ir-Remunerazzjoni u l-Kumpens Ġudizzjarji (*Justizvergütungs- und -entschädigungsgesetz*) (JVEG). Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-partijiet fil-proċedimenti.

Meta parti taħtar espert privatament għat-tħejjija għal tilwima legali, dawn l-ispejjeż mhumiex parti mill-ispejjeż legali f'fissati fis-sentenza. Ir-rimborż ta' dawn l-ispejjeż jeħtieġu jintalab separatament. Jekk il-parti tkun qabdet espert biex jagħtiha pariri waqt il-litigazzjoni, ir-rimborż jiddependi minn kemm dan il-parir kien meħtieġ fil-kawża inkwistjoni.

Ir-remunerazzjoni ta' espert maħtur mill-qorti biex jagħti x-xhieda tiegħu hija sostnuta mill-parti li titlef. Jekk iż-żewġ partijiet jirbħu parzjalment u jtilfu parzjalment, huma għandhom jaqsmu l-ispejjeż skont ir-riżultat tat-tilwima legali.

It-tariffi tat-tradutturi u tal-interpreti

L-interpreti u t-tradutturi msejġha mill-qorti jirċievu miżata f'fissata skont l-Att dwar ir-Remunerazzjoni u l-Kumpens Ġudizzjarji. Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-partijiet fil-proċedimenti. L-interpreti huma remunerati fuq il-bażi ta' rata fis-siegħa, filwaqt li t-tradutturi huma remunerati fuq il-bażi tan-numru ta' linji tradotti. Fi proċedimenti kriminali, l-ispejjeż tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjoni meħtieġa mill-akkużati jew mill-partijiet interessati jitħallsu mill-fondi pubbliċi. Dan japplika meta s-servizzi jkunu meħtieġa għad-difiża jew għall-eżerċizzju tad-drittijiet proċedurali.

Links relatati

[Il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja](#)

[It-Tim ta' Medjazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati Ġermaniżi](#)

[L-Assoċjazzjoni Federali għall-Medjazzjoni tal-Familja](#)

[L-Assoċjazzjoni Federali għall-Medjazzjoni](#)

[L-Assoċjazzjoni Federali għall-Medjazzjoni Ekonomika u Professjonali](#)

[Iċ-Ċentru għall-Medjazzjoni \(CfM\)](#)

[L-Ombudsman bankarju privat](#)

[L-Ombudsman bankarju pubbliku](#)

[Il-Bord ta' Konċiljazzjoni tal-Bundesbank Ġermaniż](#)

[L-Ombudsman tal-grupp bankarju kooperattiv Ġermaniż](#)

[L-Ombudswoman tas-soċjetajiet tas-sidien tal-proprjetà privata](#)

L-Ombudsman tas-soċjetajiet tal-bini reġjonali

Il-kumitati konsultattivi u l-bordijiet ta' konċiljazzjoni tal-Assoċjazzjoni Medika Ġermaniża

Il-Bord ta' Konċiljazzjoni tal-Mobilità

Il-Bord ta' Konċiljazzjoni tal-Kamra Federali tal-Avukati

Il-Bord ta' Konċiljazzjoni tat-Turisti

Il-Bord ta' konċiljazzjoni għat-trasport lokali f'Nordrhein-Westfalen

L-Ombudsman tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa u l-Kura Privata

Il-Bord ta' Konċiljazzjoni tal-Assoċjazzjoni Federali Ġermaniża tad-Diretturi tal-Funerali

Il-Bord ta' Konċiljazzjoni tal-Aġenzija tan-Network Federali

L-Ombudsman tal-Proprietà Immobbli fl-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Proprietà Immobbli

Il-Bordijiet ta' konċiljazzjoni tal-kmamar tal-kummerċ u l-industrija

Il-Bord ta' Kunsens għat-Tariffi u l-Għotjiet

L-Assoċjazzjoni Ċentrali tal-Industrija Ġermaniża tal-Vetturi bil-Mutur

L-aktar verżjonijiet reċenti tal-liġijiet Ġermaniżi

Dokumenti relatati

Ir-Rapport tal-Pajjiż mill-Ġermanja rigward l-istudju dwar it-trasparenza tal-ispejjeż (565 Kb)

■ L-aħħar aġġornament: 31/07/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.